**MINUTI**

**KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA**

**KUNSILL LOKALI ZURRIEQ**

**IT-TIENI LEĠISLATURA – LAQGĦA NUMRU SITTA U ERBGĦIN**

**21 TA' MARZU, 2018**

Il-Membri kif eletti tat-tieni leġislatura tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra, iltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fil-17:30.

**PREŻENTI**

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia u l-Viċi Chairperson Maria Schembri u l-membri Joseph D'Amato, Kevin Sam Farrugia u Marilyn Sammut.

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia ppresjeda s-seduta.

**MINUTI**

| | | |
|---|---|---|
| **46.1** | | ***QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA*** |
| | | |
| 46.1.1 | | Ma kienx hemm ittri ta' appoloġija x'jinqraw. |
| | | |
| | | |
| **46.2** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| | | |
| 46.2.1 | | Ġew approvati l-minuti tal-ħamsa u erbgħin –il seduta. |
| | | |
| ***46.3*** | | ***Korrispondenza mingħand is-Soċjeta Mużikali Santa Katarina VM dwar l-armar tal-Milied.*** |
| | | |
| 46.3.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv qrat ittra li l-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra rċieva mingħand iż-żewġ soċjetajiet tal-banda fiż-Żurrieq, bi ftehim |

| | | |
|---|---|---|
| | | bejniethom biex jogħlew il-prezzijiet tal-ħlas biex jarmaw l-armar tal-Milied f'Bubaqra, minn 400Euro għal 1,062Euro.<br>Kien hemm qbil li l-prezz jiġi rduppjat (800Euro inkluż il-vat) għax il-budget tal-Kumitat ma' wassalx għall-prezz tagħkom. Dan l-ammont għandu jkun miftiehem għall-ħames snin. |
| | | |
| 46.3.2 | | Il-membru Joseph D'Amato qal li:<br>• persuna trid mera fi Triq it-Torri k/m Triq in-Nigret, biex tal-garaxxijiet jaraw lill-vetturi ġejjin.<br>• Persuna b'diżabilta' fi Triq it-Tin trid għandha bżonn tarġa taħt il-bankina għax il-persuna mhix f'pużizzjoni li togħlli sieqha biex titla fuq il-bankina. Kien hemm qbil li ssir it-tarġa u quddiemha isiru linji sofor biex ħadd ma jipparkja quddiem din il-bankina. U quddiem din it-tarġa ma jkun jista jipparkja ħadd. |
| | | |
| 46.3.3 | | Il-membru Marilyn Sammut issuġġeriet li jsir trasport miż-Żurrieq għall-Mellieħa għal dawk li jattendu l-mixja ta' Ħamis ix-Xirka li ssir mill-Mellieħa għall-Isla b'donazzjoni għall-Puttinu. Kien hemm qbil li jsir dan it-trasport u l-persuna jħallsu fl-uffiċċju tal-Kunsill. |
| | | |
| ***46.4*** | | ***SUĠĠERIMENTI U LMENTI*** |
| | | |
| 46.4.1 | | Ġie ssuġġeriet li jsiru parking bays fi Vjal l-Indipendenza, bejn Triq Fortunato Dalli u Triq Kalanġ Bugeja. Kien hemm qbil li jsiru parking bays imma fl-ewwel parti fejn tidjieq it-triq isir hashing lines. |
| | | |
| 46.4.2 | | Il-membru Kevin Sam Farrugia qal li hemm bżonn li jinbdlu l-marki tat-toroq li hemm fi Triq San Martin k/m Triq Dun Nard Mallia, għax il-linji preżenti huma ħżiena. Il-membru Kevin Sam Farrugia wera pjanta ta' kif għandhom jiġu l-linji. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| | | |
| ***46.5*** | | ***Data u ħin tas-seduta li jmiss*** |
| | | |
| 46.5.1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fis-18:15. Il-membri preżenti qablu li id-data tal-laqgħa li jmiss tkun l-Erbgħa 18 ta' April, 2018 fil-17:30. |

Konfermati, illum ___18___ ta' April, 2018.

IFFIRMAT
Pierre Farrugia
**Chairperson**

IFFIRMAT
Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**